MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 17/2002

**Harry Calleja u Mowafak Toutoungi**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Apell tar-rikorrent a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi huma kienu apellaw minn avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF72I/01 li inhareg fit-3 ta' Lulju 2001 kontra l-appellanti ghar-rigward tat-fond "Dar ta' l-Islam", Triq it-Torri, Sliema u li jghid:

*"ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti filli wahhalt tabella mal-faccata u bdilt l-uzu materjali tal-post*

*bhala wiehed ta' qima pubblika jew ta' taghlim religjuz, jew t' attivitajiet socjali jew rekreattivi ta' korp religjuz."*

Illi fl-appell taghhom quddiem l-Onorabbli Bord, l-esponenti issottomettew kif gej:-

*"Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati bl-avviz premess u qed jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jirrevoka l-istess avviz stante li dan l-avviz huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt;*

*i. Illi preliminarjament ghandu jigi ndikat li ma huwiex car effettivament fil-konfront ta' min inhareg l-avviz in kwistjoni billi hemm zewg avvizi, bl-istess numru u mertu identiku, mahruga wahda kontra l-appellant Calleja u l-ohra kontra l-appellant Toutoungi;*

*ii. Illi ma sar l-edba tibdil materjali fl-uzu tal-fond premess u ma sar l-ebda tibdil mhux permess fil-ligi u dan kif ser jigi dimostrat ampjament tul is-smigh ta' l-appell. Del resto, u dan kif ser jintwera ma huwiex cert ezattament f'xiex jikkonisti s-suppost tibdil fl-uzu u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghandha tghid ezattament f'xiex jikkonisti t-tibdil ta' uzu.*

*iii. Illi l-fond in kwistjoni gie koncess temporanjament lill-esponenti, flimkien ma'u ghan-nom ta' ohrajn, mis-sidien. Il-fond jinsab go zona residenzjali u xi zmien ilu kien jintuza bhala guest house. Dan l-ahhar il-fond kien ghal diversi ragunijiet maghluq u billi rapprezentant tal-kumpanija proprjetarja tal-fond jaghmel hafna zmien barra minn Malta kkonceda l-fond temporanjament lill-esponenti biex ikollu mohhu mistrieh li qieghed f'idejn tajbin. Fil-fond in kwistjoni l-esponent gieli jiltaqa` ma' shabu u huwa minnu wkoll li gieli wkoll jghidu xi talb flimkien. Pero` b'daqshekk ma sar xejn mhux permess bil-ligi. Certament ma hu mehtieg l-ebda permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex wiehed jghid xi talb go fond. Ghalhekk ma huwiex cert ezattament f'xiex jikkonsisti t-tibdil fl-uzu.*

*iv. Fi kwalunkwe kaz, l-uzu li qed isir mill-appellant huwa ta' natura temporanja u strettament limitata u ma tbiddel fl-ebda mod materjali n-natura tal-fond.*

*v. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati ulterjorment billi l-agir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fil-hrug ta' l-avviz in kwistjoni jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront taghhom u dan kif ser jintwera tul is-smigh ta' l-appell. L-agir ta' l-Awtorita` huwa ghalhekk abuziv u illegali in kwantu li ttiehdet fuq konsiderazzjonijiet zbaljati u illegali u in kwantu li tiddiskrimina kontra r-religjon Musulmana. L-appellant qieghed minn issa jirriserva d-drittjiet tieghu u jirriserva li jipprocedi kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall--ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi.*

*Ghaldaqstant filwaqt li jirrizervaw li jressqu dawk il-provi kollha u jaghmlu dawk is-sottomissjonijiet li l-kaz taghhom jirrikjedi l-appellanti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jannulla u jirrevoka l-avviz premess u dan ghar-ragunijiet brevement indikati f'dan l-appell u f'dawk ir-ragunijiet kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh ta' l-appell."*

Illi l-Awtorita` appellata rrispondiet ghal dan l-appell permezz ta' nota taghha u eccepiet, fost l-ohrajn li l-appell kien gie intavolat *fuori termine.*

Illi b' decizjoni moghtija nhar il-5 ta' Gunju 2002 l-Onorabbli Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar iddecieda l-eccezzjoni preliminari billi filwaqt li kkunsidra illi l-appell odjern gie prezentat *oltre* t-terminu ta' hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika u ghalhekk huwa tardiv; ghal dawn il-motivi, il-Bord qed jichad l-appell u jikkonferma l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF721/01 mahrug fil-konfront ta' l-appellant b'dan illi l-avviz ma ghandux jibda` isehh qabel sittin gurnata mill-lum.

Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati bid-decizjoni premessa u ghaldaqstant qed jinterponu umli appell minnha.

Illi l-aggravju taghhom huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-appell ma kienx intavolat tardivament imma sar fiz-zmien previst mill-ligi. Dan jirrizulta anke ghaliex jirrizulta li l-appell kien thallas fl-24 ta' Lulju, u cjoe`, ferm qabel ma skada t-terminu. L-appellanti jissottomettu umilment li l-ewwel Onorabbli Bord applikat il-ligi hazin meta ddecidiet li l-appell sar *fuori iermine.* Il-ligi tghid li l-appellant ghandu certu terminu biex jipprezenta l-appell. L-esponent jissottometti umilment li l-appell gie ipprezentat meta sar il-hlas tad-dritt dovut.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u *inoltre* l-avviz (kopja annessa) ma jaghti l-ebda indikazzjoni dwar il-perijodu f'liema wiehed ghandu jappella u ghalhekk *stante* dan il-fatt, l-Awtorita` ma setghetx topponi kontra l-appellanti nuqqas li gejja minn mankanza fl-att koncernat. L-appellanti jissottomettu umilment li kull att li bih tinbeda procedura gudizzjarja jew amministrattiva ghandu jinkorpora fih dettalji semplici biex wiehed ikun jista' jirrispondi. F' dan il-kaz ma kien hemm ebda nota f'dan is-sens.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li jirrizerva li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri u jressaq il-provi kollha ammissibbli f'dan l-istadju, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar premessa u tiddecidi li l-appell kien gie ipprezentat quddiem l-imsemmi Bord fit-terminu prevvist mill-ligi.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar a fol. 6 tal-process:-

1. Illi qabel xejn trid issir korrezzjoni mill-appellant fl-appell tieghu *stante* li l-Qorti kompetenti f'dawn it-tip ta' appelli hija "Il-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)" u ghalhekk gialadarba ssir tali korrezzjoni b'ordni tal-Qorti, ssir ukoll il-korrezzjoni opportuna fir-risposta ta' l-appellati odjerni;

2. Illi fit-3 ta' Lulju 2001 inhareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq Nmru 721/01 kontra l-appellanti dwar il-fond "Dar tal-Islam", Triq it-Torri, Sliema ghaliex:-
*"ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti filli wahhalt tabella mal-faccata u bdilt l-uzu materjeli tal-post bhala wiehed ta' qima pubblika jew ta' taghlim religjuz, jew t'attivitajiet socjali jew rikrejattivi ta' korp religjuz"*

3. Illi minn dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq gie ntavolat l-appell numru 285/01 E TSC li permezz ta' decizjoni preliminari datata hamsa (5) ta' Gunju 2002 cahad l-appell u kkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq hawn fuq imsemmi *stante* li l-appell kien gie prezentat izjed minn hmistax-il (15) gurnata wara li l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq imsemmi kien gie notifikat lill-appellanti u ghaldaqstant kien tardiv.

4. Illi l-appellanti ipprezentaw rikors ta' l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti mid-decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hawn fuq imsemmija.

5. Illi jinghad illi minkejja illi jirrizulta li l-hlas sabiex isir l-appell minn tali Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq li huwa kontemplat mill-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar fl-**artikolu 52 (9)** sar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2001, l-appell proprju gie pprezentat fit-tlettax (13) ta' Awissu 2001. Illi ghaldaqstant huwa kien inutli li jsir il-hlas ta' l-appell fit-terminu prefiss mill-ligi *stante* illi l-ligi tirrikjedi li l-appell isir fil-perjodu ta' hmistax-il (15) gurnata minn notifika ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq lill-appellant. Ghaldaqstant kemm il-hlas kif ukoll l-appell proprju jridu jkunu saru f'dan il-perjodu, u l-hlas wahdu m'huwiex sufficjenti biex jivvalida l-appell *stante* li l-aggravji li fuqhom ikun qed jigi bazat tali appell jirrizultaw mid-dokument ta' l-appell mhux mill-hlas wahdu.

6. Illi *inoltre'* l-allegazzjoni ta' l-appellanti illi huma ma kienux notifikati bil-perjodu li fih jistghu jappellaw mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, jinghad illi ghalkemm tali Avviz ma jsemmix dan il-perjodu li fih wiehed jista' jaghmel dan l-appell, dan il-perjodu ta' hmistax-il (15) gurnata huwa stabbilit mill-att

dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, u kif inhu *ben risaput ignorantia iuris neminem excusat.* Din il-massima kienet konfermata f'diversi decizjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom **"Marguerite Mangion vs Awtorita`' ta' l-Ippjanar"**(decizjoni tat-3 ta' Dicembru 1993 – Appell Nru. 150/93E KA), **"Dr. Martin Vella vs Awtorita`' ta' l-Ippjanar"**(decizjoni tat-28 ta' Jannar 1994 – Appell Nru. 54/93) u **"Salvu Demanuele vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (decizjoni tal-25 ta' Frar 1994 – Appell Nru. 154/93 KA).

Ghaldaqstant l-Awtorita`' appellata, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja prodotti u tirrizerva li ggib dawk il-provi u taghmel dawk is-sottomissjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-appell intavolat minn Harry Calleja u Mowafak Toutoungi u tikkonferma ddecizjoni fl-ismijiet fuq premessi moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-hamsa (5) ta' Gunju 2002.
Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Ottubru 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet "Calleja Harry & Toutoungi Mowafak kontra Awtorita`' ta' l-Ippjanar" deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Frar 2003; u tas-7 ta' April 2003 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti prezentati b'dan li l-Qorti tat fakolta' lill-appellanti biex jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet fi zmien 50 gurnata bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom ukoll 50 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Ottubru 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. IL-VERTENZA ODJERNA</u>

Illi fit-3 ta' Lulju 2001 inhareg avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq kontra l-appellanti ghar-rigward tal-fond "Dar ta' l-Islam", Triq it-Torri, Sliema. Illi huma appellaw minn dan l-avviz quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn esponew l-aggravji taghhom.

Illi fil-5 ta' Gunju 2002 il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita`' fejn eccepiet li l-appell kien gie ntavolat *fuori termine.* Il-Bord iddecieda li l-appell kien gie pprezentat wara t-terminu ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data tan-notifika u ghalhekk huwa tardiv. B'hekk cahad l-appell u kkonferma l-Avviz mahrug fil-konfront ta' l-appellant b'dan illi l-avviz ma kellux jibda jsehh qabel sittin gurnata mis-sentenza.

Illi konsegwentement ir-rikorrenti ntavola l-appell odjern. Huma jsostnu li l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kienx intavolament tardivament imma sar fiz-zmien previst mill-ligi. Infatti l-istess appellanti sostnew li l-appell kien thallas fl-24 ta' Lulju u b'hekk qabel ma skada t-terminu. Ghalhekk l-appellanti ssottomettew li l-Bord applika l-ligi hazin meta ddecieda li l-appell sar *fuori termine* ghax dan gie pprezentat meta sar il-hlas tad-dritt dovut.

Illi *inoltre'* l-appellanti sostnew ukoll li l-avviz ma jaghti l-ebda ndikazzjoni dwar il-perjodu f'liema wiehed ghandu jappella. *Stante* dan il-fatt, l-Awtorita`' ma setghetx topponi kontra taghhom nuqqas li gejja minn mankanza fl-att koncernat ghax kull att li bih tinbeda procedura gudizzjarja jew amministrattiva ghandu jinkorpora fih dettalji semplici biex wiehed ikun jista' jirrispondi.

Illi minn naha taghha l-Awtorita` eccepiet illi fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni fir-rikors ta' l-appell u konsegwentement fir-risposta taghha. Illi *inoltre*' ssottomettiet illi minkejja li jirrizulta li l-hlas sabiex isir l-appell mill-Avviz biex Ttieqaf u ta' Twettieq sar fl-24 ta' Lulju 2001, l-appell proprju gie pprezentat fit-13 ta' Awissu 2001. Hija ssottomettiet ukoll li kien inutili li jsir il-hlas ta' l-appell fit-terminu prefiss mill-ligi *stante* li l-ligi tirrikjedi li l-appell isir fil-perjodu ta' hmistax-il (15) gurnata min-

notifika ta’ l-Avviz. Kemm il-hlas kif ukoll l-appell proprju jridu jkunu saru f’dan il-perjodu, u l-hlas wahdu mhux sufficjenti biex jivvalida l-appell peress li l-aggravji li fuqhom ikun qed jigi bbazat tali appell jirrizultaw mid-dokument ta’ l-appell mhux mill-hlas wahdu.

Illi *inoltre’* rigward il-fatt li l-appellanti ma kienux notifikati bil-perjodu li fih jistghu jappellaw mill-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq fl-istess Avviz l-Awtorita`’ eccepiet illi ghalkemm m’hemmx indikat dan il-perjodu ta’ hmistax-il gurnata huwa stabbilit mill-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp u kif inhu risaput *ignorantia iuris neminem excusat.*

**<u>III.  KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi fir-rigward ta’ l-ewwel sottomissjoni ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar issir referenza ghas-**subartikolu (2) u (3) tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jghid:-

*(2) “Kull Qorti fi grad ta’ appell tista’ wkoll tordna jew tippermetti, f’kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll kull zball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f’dak tal-partijiet, jew fil-kwalita’ li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista’, sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta’ l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f’att gudizzjarju.”*

Illi ghalhekk a tenur ta’ l-**artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili** din il-Qorti qeghda tordna li fir-rikors ta’ l-Appell u kull fejn huwa mehtieg fl-atti ta’ dan l-appell wara l-kliem Qorti ta’ l-Appell jitnizzlu l-kliem (Kompetenza Inferjuri).

Illi rigward il-mertu ta’ l-appell m’hemmx kontestazzjoni dwaru mill-partijiet li si tratta ta’ punt ta’ ligi skond kif mehtieg mill-**artikolu 15(2) ta’ l-Att Nru 1 tal-1992.** Illi **l-artikolu 52 (9) tal-Kap.356** jipprovdi li:-

*"Kull persuna li thossha aggravata b'avviz ta' twettieq notifikat lilha tista', fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta' l-avviz, tappella kontra tieghu lill-Bord ta' l-Appell,…"*

Illi fil-kaz in kwistjoni jirrizulta li r-rikorrenti hallsu ghall-appell fl-24 ta' Lulju 2001 meta huma kienu gew notifikati fl-14 u s-17 ta' Lulju 2001 u dan skond il-*pink cards* li jinsabu fil-*file* ECF721/01 u dan kif jidher fis-sentenza ta' istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar illum appellata, u dwar dawn it-termini ma jidhirx li hemm kontestazzjoni lanqas mill-appellanti nfushom. Illi jidher li hemm qbil ukoll li pero' l-appell proprju fejn indikaw l-aggravji taghhom gie pprezentat biss fit-13 ta' Awissu 2001 u cjoe' *oltre'* t-terminu specifikat fl-istess artikolu ta' hmistax-il gurnata min-nota relattiva.

Illi jinghad li jidher li t-tezi ta' l-appellant hija fis-sens li l-formula datata f'dan il-kaz 24 ta' Lulju 2001 fejn *tramite* taghha l-appellanti hallsu l-ispejjez ghall-istess appell hija sufficjenti sabiex isir appell skond l-**Kap 356** abbazi tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 52 (9)** fuq citat.

Illi pero' din il-Qorti tirreferi ghall-**Avviz Legali Numru 7 tal-1993** li jirreferi ghall-appelli li jsiru lill-Bord ta' l-appelli dwar l-Ippjanar stabbilit fl-**artikolu 14 tal-istess Att,** fejn *inter alia* fir-r**egolament tlieta (3)** ta' l-istess jinghad li *"li l-applikazzjoni jew talba ghandu jkollu maghha:-*

*(a) id-dritt xieraq kif imfisser f'ragolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, u*

(b) *l-ircevuti li juru l-hlas ta' xi taxxa tal-bini dovuta ghar-rigward tal-applikazzjoni li mir-rifjut taghha qieghed isir l-appell jew li qed tintalab rikonsiderazzjoni taghha, jew li ghandu x'jaqsam ma' l-izvilupp li dwaru qed isir l-appell; jew*

(c) *l-ammont ta' taxxa tal-bini li kien ikun dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega kellha tigi sottomessa fil-kaz ta' appell kontra avviz ta' inforzar servut taht l-artikolu 52 tal-Att".*

Illi r-**regolament numru 4** jipprovdi li *"appell jew talba ghal rikonsiderazzjoni li ma jkollhiex maghha kif mitlub fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti tkun meqjusa nulla u bla effett".*

Illi minn dan jidher car li dak it-talba jew l-applikazzjoni ghall-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija distinta u differenti mill-hlas tad-dritt xieraq ta' l-appell mehtieg u stipulat skond id-dispozizzjonijiet ta' l-istess **regolamenti 3 (a) u 5 ta' l-istess Avviz Legali 7 tal-1973,** u dan johrog car meta l-istess **regolament 3** jitkellem kemm dwar l-*'applikazzjoni jew talba'*, kif ukoll dwar *'d-dritt xieraq',* tant li t-talba u d-dritt huma trattati separatament minn xulxin u huma kkonsidrati bhala atti kompletament differenti. Dan johrog ukoll car mir-**regolament 4** li jittratta l-att ta' l-appell jew rikonsiderazzjoni bhala ghal kollox distint mill-hlas tad-dritt sancit fir-**regolament 5,** tant li jinghad li jekk l-appell ma jkunx akkumpanjat minn wiehed mill-atti jew hlasijiet indikati fir-**regolament 3** tali appell jigi kkunsidrat bhala null u bla effett.

Illi minn dan johrog car li dak li jikkostitwixxi l-prezentata ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija l-applikazzjoni proprja li ssir mill-prospettiv appellant ghall-istess tribunal u huwa necessarju *ad validitatem* li tali talba ta' l-appell tigi akkumpanjata bil-hlas, u b'hekk ma hemm l-ebda dubju fil-ligi li dak li jikkostitwixxi appell huwa mhux ir-ricevuta tal-hlas tad-dritt dovut ghall-tali appell izda t-talba innifisha, li f'dan il-kaz jidher li saret biss fit-13 ta' Awissu 2001, wara li skada t-terminu indikat fl-**artikolu 52 (9) tal-Kap 356,** liema terminu bhal dak indikat **fl-artikolu 15 (10) tal-Kap 356** ghall-appelli mill-Bord ta' L-Appell dwar l-Ippjanar ghal din il-Qorti, huma perentorji skond kif ritenut korrettement fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-appell tal-14 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Oliver Ruggier vs Awtorita`' ta' l-Ippjanar".**

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Avviz Legali relattiv u l-artikolu in kwistjoni waslet ghall-konkluzzjoni li ma tistax taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li ladarba sar il-hlas sabiex isir l-appell dan ifisser li l-appell gie ntavolat fiz-zmien

rikjest mill-ligi li huwa ta' hmistax-il gurnata (15) min-notifika kif stipulat. L-artikolu relattiv fil-fatt jghid li l-persuna li thossha aggravata minn Avviz ta' twettieq ghandha d-dritt li tappella. Din il-kelma "tappella" ghandha tittiehed fis-sens litterali taghha cioe' li jigi pprezentat l-appell fejn persuna tesponi l-aggravji taghha u b'hekk is-sens taghha m'ghandux jiggebbed. Illi li kieku kellu jsir mod iehor ikun ifisser li l-individwu li jhossu aggravat jista' jhallas sabiex isir l-appell fit-terminu mbaghad jipprezenta l-appell meta jrid u jkun komdu u b'hekk ikun jista' jtawwal il-process kemm irid. Din zgur ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur u l-**Avviz Legali 7 tal-1993** jaghmel dan kollu mill-iktar car.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, u kompletament ndipendenti mill-istes wiehed jaghmel riferenza wkoll ghal dak li tipprovdi t-**Tielet Skeda tal-Kap 356** dwar procedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn **artikolu 2 tal-istess** jaghmilha wkoll cara x'ikun irid ikun fiha l-applikazzjoni ta' l-appell anke fl-isfond ta' l-appelli lill-istess Bord ta' l-Appell skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356** fejn jinghad li l-applikazzjoni *"ghandu jkun fiha r-ragunijiet ta' l-appell u t-talba ta' l-appellant…."* u hawn jidher car ukoll li l-applikazzjoni jew talba ghall appell hija kkonsidrata ghal kollox ben distinta u differenti mill-kwistjoni ta' hlas li hija trattata biss fir-**regolament numru 11 ta' l-istess Skeda.**

Illi dan kollu jikkonferma li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'dan il-kaz kienet korretta u la darba t-talba ta' l-appellanti ghall-appell quddiem l-istess Bord ta' l-Appell saret *fuori termine* mela allura l-istess Bord kien korrett meta tratta l-appell interpost quddiemu bhala null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet legali, li hawn gew ezarjentement trattati, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-appell ta' l-appellanti odjern huwa wkoll vessatorju.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju fejn l-appellanti sostnew li fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq m'hemmx indikat il-perjodu li fih jista' jsir l-appell u li din hija mankanza ta' l-Awtorita`' jinghad li lanqas dan l-aggravju ma jista' jintlaqa' minn din il-Qorti. Illi kif qalet sew l-

Awtorita` appellata fir-risposta taghha dan it-terminu ta' hmistax-il gurnata johrog mil-ligi ghax gie stabbilit mill-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u b'hekk tapplika l-massima legali *ignorantia iuris neminem excusat* u hawn issir riferenza ghad-decizjonijiet citati mill-appellati **"Marguerite Mangion vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"**(decizjoni tat-3 ta' Dicembru 1993 – Appell Nru. 150/93E KA), **"Dr. Martin Vella vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"**(decizjoni tat-28 ta' Jannar 1994 – Appell Nru. 54/93) u **"Salvu Demanuele vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (decizjoni tal-25 ta' Frar 1994 – Appell Nru. 154/93 KA) kif ukoll dawk ta' **"Maurice Mizzi vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (15 ta' April 1994) u **Salvino Testaferata Moroni Viani vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (28 ta' Jannar 1994).

Illi ghalhekk l-appell ta' l-appellanti ghandu jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellata kontenuta fir-risposta taghha tat-22 ta' Lulju 2002, **tichad l-appell interpost mill-appellanti** fir-rikors ta' l-appell taghhom, datat 20 ta' Gunju 2002 u tikkonferma d-decizjoni preliminari appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tal-5 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **"Calleja Harry u Toutoungi Mowafak vs l-Awtorita`' ta' l-Ippjanar".**

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------